

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2012/45/UE

tat-3 ta' Diċembru 2012

li tadatta għat-tieni darba l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi għall-progress xjentifiku u tekniku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi fuq it-triq, bil-ferrovja u fuq passaġġi tal-ilma interni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Konsegwentement, il-verżjoniċċi li ġew emendati l-aħħar ta' dawn il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013, b'perjodu tranżitorju sat-30 ta' Ġunju 2013.
- (3) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan:
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima I.1 tinbidel b'dan li ġej:

I.1. ADR

L-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbi b'effett mill-1 ta' Jannar 2013, kif mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' tinbidel bi 'Stat Membru' kif xieraq.'

^(¹) ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 tinbidel b'dan li ġej:

'II.1. RID

L-Anness tar-RID, li jidher fl-Appendiċi C tal-COTIF, kif applikabbi b'effett mill-1 ta' Jannar 2013, kif mifhum illi l-frażi 'Stat Kontraenti RID' tinbidel bi 'Stat Membru' kif xieraq.'

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 tinbidel b'dan li ġej:

'III.1. ADN

Ir-Regolamenti annessi tal-ADN, kif applikabbi b'effett mill-1 ta' Jannar 2013, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, kif mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' tinbidel bi 'Stat Membru' kif xieraq.'

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħi il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ligħi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħi

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
